2024/2996

5.12.2024

FORMOLA TAL-GĦAJNUNA LEGALI

— RIKORSI DIRETTI [1] —

[2024/2996]

Kull persuna fiżika jew ġuridika, kemm jekk irrappreżentata minn avukat u kemm jekk le, li jkollha l-intenzjoni titlob l-għajnuna legali bil-għan li tippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jew fil-kuntest ta' kawża li fiha hija parti hija mistiedna tieħu konoxxenza tal-informazzjoni segwenti qabel ma timla d-diversi partijiet tal-formola. "Check-list – Għajnuna legali" hija disponibbli wkoll fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din il-formola għandha tintuża sabiex titressaq talba għal għajnuna legali qabel il-preżentata ta' rikors dirett jew sakemm dan ikun pendenti. B'kuntrast ma' dan, din il-formola ma hijiex intiża għat-talbiet għal għajnuna legali mressqa fil-kuntest ta' kawża għal deċiżjoni preliminari. Għal dawn it-talbiet, għandu jsir riferiment għad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 239 sa 242 tar-Regoli tal-Proċedura u fil-punti 266 sa 270 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni. Ma hemm l-ebda formola speċifika għal dawn it-talbiet.

1) Il-kuntest ġuridiku

Id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna legali li jikkonċernaw ir-rikorsi diretti jinsabu fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (Artikoli 146 sa 150) u fid-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (punti 15 sa 17, 33, 49, 171, 172, u 256 sa 265) (iktar 'il quddiem id-"Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni".

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u d-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni huma aċċessibbli fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (http://curia.europa.eu), taħt it-taqsima Il-Qorti Ġenerali/Proċedura.

2) Regoli dwar ir-rappreżentanza quddiem il-Qorti Ġenerali

Il-prinċipju ta' **rappreżentanza obbligatorja minn avukat** tal-partijiet minbarra l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istati li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA huwa stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, sabiex tippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, kull persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun irrappreżentata minn avukat awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Artikolu 51 tar-Regoli tal-Proċedura).

Jekk din il-persuna, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha, ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż kollha tal-istanza jew parti minnhom, ir-Regoli tal-Proċedura jipprovdu li din il-persuna għandha d-dritt li tibbenefika mill-għajnuna legali (Artikolu 146(1) tar-Regoli tal-Proċedura). **B'differenza mir-rikors, li għandu jiġi ppreżentat minn avukat li jkun qiegħed jirrappreżenta lir-rikorrent, it-talba għal għajnuna legali tista' titressaq kemm bl-assistenza ta' avukat u kemm mingħajrha.**

3) Kompetenzi tal-Qorti Ġenerali u kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà

L-għajnuna legali ma tistax tingħata mill-Qorti Ġenerali jekk din il-qorti manifestament ma jkollhiex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża li fir-rigward tagħha tintalab l-għajnuna (Artikolu 146(2) tar-Regoli tal-Proċedura).

Bis-saħħa tat-Trattati u l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, **il-Qorti Ġenerali għandha**, b'mod partikolari, **il-kompetenza** sabiex taqta' r-rikorsi diretti li ġejjin:

— ir-rikorsi ppreżentati mill-individwi intiżi li jinkiseb l-annullament **ta' atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni Ewropea**, sabiex jiġi kkonstatat in-nuqqas li tittieħed azzjoni min-naħa ta' dawn tal-aħħar jew sabiex jinkiseb kumpens għal dannu mġarrab u r-rikorsi bbażati fuq klawżola ta' arbitraġġ;

[1] L-espressjoni "rikorsi diretti" hija ddefinita fl-Artikolu 1(2)(j) tar-Regoli tal-Proċedura bħala li tirreferi għar-"rikorsi kollha li jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, ħlief għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari".

— ir-rikorsi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali intiżi għall-ksib tal-annullament tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), kif ukoll tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO);

— ir-rikorsi bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħhom dwar ir-relazzjonijiet ta' xogħol tagħhom kif ukoll l-iskema ta' sigurtà soċjali.

Minn dan jirriżulta li talba għal għajnuna legali **tiġi rrifjutata minħabba n-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ġenerali** li tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors jekk din it-talba titressaq sabiex:

— tiġi kkontestata l-legalità ta' **att adottat mill-awtoritajiet nazzjonali** (irrispettivament minn jekk dawn ikunux awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji);

— tiġi kkontestata **deċiżjoni meħuda minn entità internazzjonali** li ma tagħmilx parti mis-sistema istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea (pereżempju mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem).

L-għajnuna legali lanqas ma tista' tingħata jekk il-kawża li fir-rigward tagħha tintalab tkun tidher **manifestament inammissibbli jew manifestament infondata fid-dritt** (Artikolu 146(2) tar-Regoli tal-Proċedura).

4) **Formola tal-għajnuna legali obbligatorja**

Il-formola tal-għajnuna legali, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, hija disponibbli fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, taħt it-taqsima Il-Qorti Ġenerali/Proċedura.

L-użu ta' din il-formola huwa obbligatorju sabiex tintalab l-għajnuna legali, kemm qabel ma jiġi ppreżentat rikors dirett u kemm waqt li dan ikun pendenti. Talba għal għajnuna legali mressqa fil-kuntest ta' rikorsi diretti mingħajr il-formola ma tittieħidx inkunsiderazzjoni (Artikolu 147 tar-Regoli tal-Proċedura u punt 256 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali).

Talba għal għajnuna legali mressqa wara li l-Qorti Ġenerali tkun tat id-deċiżjoni dwar ir-rikors li għalih tirreferi din it-talba ma tittieħidx inkunsiderazzjoni. Talba għal għajnuna legali intiża sabiex jiġi ppreżentat appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandha titressaq quddiem din tal-aħħar.

5) **Kontenut tat-talba għal għajnuna legali u dokumenti ta' sostenn**

Il-formola tal-għajnuna legali hija intiża li tippermetti lill-Qorti Ġenerali jkollha, inkonformità mal-Artikolu 147(3) u (4) tar-Regoli tal-Proċedura, l-informazzjoni neċessarja sabiex effettivament tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal għajnuna legali. Din l-informazzjoni tirrigwarda:

— informazzjoni dwar is-**sitwazzjoni ekonomika** tal-persuna li tressaq it-talba

u,

— fil-każ li r-rikors ikun għadu ma ġiex ippreżentat, **informazzjoni dwar is-suġġett** tal-imsemmi rikors, dwar il-fatti inkwistjoni u dwar l-argumenti relatati (punt 259 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni).

a) *Sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li tressaq it-talba*

It-talba għal għajnuna legali għandha tinkludi **l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn kollha** li permezz tagħhom tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li tkun qed tressaqha, bħal ma jista' jkun ċertifikat maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti li jattesta din is-sitwazzjoni ekonomika (Artikolu 147(3) tar-Regoli tal-Proċedura).

Il-kapaċità finanzjarja tal-persuna li tressaq it-talba tiġi evalwata fuq il-bażi ta' elementi li jipprovaw li tinsab f'sitwazzjoni li ma tistax tħallas l-ispejjeż:

— għaldaqstant, persuna fiżika ma tistax sempliċement tippreżenta lill-Qorti Ġenerali indikazzjonijiet dwar id-dħul u l-allowances tagħha, ta' diversi tipi, li hija tirċievi, iżda għandha tipproduċi wkoll, pereżempju, dikjarazzjonijiet tat-taxxa, rendikonti tas-salarju, dikjarazzjonijiet mid-dipartiment tal-għajnuna soċjali jew tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad, dikjarazzjonijiet bankarji jew rendikont bankarju, informazzjoni li permezz tagħha jkun jista' jiġi stmat il-kapital tagħha (valur ta' beni mobbli jew immobbli), u dokumenti relatati mal-ispejjeż li hija għandha tħallas (bħal kuntratt ta' kera jew ta' kreditu, ċertifikat dwar l-ispejjeż skolastiċi ta' wild dipendenti, nota ta' onorarji jew fatturi);

— persuna ġuridika ma tistax sempliċement tinvoka l-inkapaċità tagħha li tħallas iżda għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-forma ġuridika tagħha, dwar l-iskop ta' lukru jew le tagħha, dwar il-kapaċità finanzjarja tas-soċju/i jew tal-azzjonisti tagħha u għandha tipproduċi, bħala eżempju, karti tal-bilanċ kontabbli jew kull dokument ieħor li jiġġustifika s-sitwazzjoni kontabbli tagħha, kif ukoll kull prova li tissostanzja allegazzjoni ta' sitwazzjoni ta' falliment, ta' amministrazzjoni ġudizzjarja, ta' waqfien ta' pagamenti jew ta' stralċ ġudizzjarju.

Dikjarazzjonijiet fuq l-unur mimlija u ffirmati mill-persuna li tressaq it-talba stess ma humiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-prova tal-fatt li din il-persuna tinsab f'sitwazzjoni li ma tistax tħallas.

L-informazzjoni indikata fil-formola dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li tressaq it-talba u d-dokumenti ta' sostenn ippreżentati sabiex tiġi ssostanzjata din l-informazzjoni huma intiżi li jipprovdu stampa sħiħa tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha.

Talba li ma tiġġustifikax b'mod suffiċjenti fid-dritt l-inkapaċità tal-persuna li tressaq it-talba li tħallas l-ispejjeż tal-kawża tiġi miċħuda.

b) *Suġġett tar-rikors maħsub*

Jekk it-talba għal għajnuna legali titressaq qabel ma jkun ġie ppreżentat ir-rikors li għalih tirreferi din it-talba, il-persuna li tressaq it-talba għandha tesponi fil-qasir **is-suġġett ta' dan ir-rikors, il-fatti inkwistjoni u l-argumenti** li jkollha l-intenzjoni tressaq insostenn tar-rikors tagħha. Parti mill-formola tal-għajnuna legali hija ddedikata għal dan il-għan.

Għandha tiġi annessa kopja ta' kull **dokument ta' sostenn** rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-fondatezza tar-rikors li jkun għad irid jiġi ppreżentat. Pereżempju, tista' tiġi annessa l-korrispondenza mal-eventwali konvenut jew, fil-każ ta' rikors għal annullament, id-deċiżjoni li l-legalità tagħha tkun qiegħda tiġi kkontestata.

Il-formola tal-għajnuna legali debitament mimlija u d-dokumenti ta' sostenn għandhom ikunu jistgħu jinftiehmu fihom innifishom.

c) *Addenda*

It-talba għal għajnuna legali **ma tistax tiġi kkompletata bil-preżentata sussegwenti ta' addenda**. Jekk jiġu ppreżentati mingħajr ma jkunu ntalbu mill-Qorti Ġenerali, tali addenda jiġu rrifjutati. Għaldaqstant, huwa essenzjali li fil-formola tiġi inkluża l-informazzjoni kollha neċessarja u li tiġi annessa kopja ta' kull dokument ta' natura li jipprova din l-informazzjoni.

Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, dokumenti ta' sostenn intiżi li jipprovaw li l-persuna li tkun qiegħda tressaq it-talba ma tkunx tista' tħallas jistgħu jiġu aċċettati sussegwentement, permezz ta' spjegazzjoni adegwata tal-produzzjoni tardiva tagħhom (punt 264 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni).

6) **Preżentata tat-talba**

a) *Mill-persuna li tressaq it-talba stess*

Il-persuna li tressaq it-talba li ma tkunx irrappreżentata minn avukat għandha tittrażmetti jew tippreżenta l-verżjoni stampata tal-formola debitament mimlija u ffirmata, kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fiha, fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, li l-indirizz tiegħu huwa s-segwenti:

Greffe du Tribunal de l'Union européenne

Rue du Fort Niedergrünewald

L-2925 Luxembourg

Il-formola għandha **tiġi ffirmata bl-idejn mill-persuna li tressaqha** (Artikolu 147(6) tar-Regoli tal-Proċedura u punt 257 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi ta' implimentazzjoni). Fin-nuqqas ta' firma bl-idejn, il-formola ma tiġix ittrattata.

b) *Mill-avukat tal-persuna li tressaq it-talba*

Meta l-persuna li titlob l-għajnuna legali tkun irrappreżentata minn avukat meta tiġi ppreżentata l-formola tal-għajnuna legali, dan tal-aħħar għandu jippreżenta l-formola permezz tal-applikazzjoni e-Curia, b'osservanza tar-rekwiżiti previsti fil-"Kundizzjonijiet ta' użu tal-applikazzjoni e-Curia" (punt 258 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi ta' implementazzjoni).

7) **Sospensjoni u tkomplija tat-terminu għall-preżentata ta' rikors**

It-tressiq ta' talba għal għajnuna legali jissospendi, fir-rigward tal-persuna li tkun ressqitha, it-terminu previst għall-preżentata tar-rikors sad-data tan-notifika tad-digriet li permezz tiegħu tittieħed id-deċiżjoni dwar din it-talba jew, fil-każ li f'dan id-digriet ma jiġix innominat avukat sabiex jirrappreżenta lill-persuna li tkun ressqet it-talba għal għajnuna legali, sad-data tan-notifika tad-digriet li jinnomina avukat sabiex jirrappreżentaha (Artikolu 147(7) tar-Regoli tal-Proċedura).

Għaldaqstant, it-terminu għall-preżentata ta' rikors ma jiddekorrix matul il-perijodu li fih il-Qorti Ġenerali tkun qiegħda teżamina t-talba għal għajnuna legali.

Wara n-notifika tad-digriet li permezz tiegħu tittieħed id-deċiżjoni dwar it-talba għal għajnuna legali jew, fil-każ li f'dan id-digriet ma jiġix innominat avukat sabiex jirrappreżenta lill-persuna li tkun ressqet it-talba għal għajnuna legali, tad-digriet li jinnomina avukat sabiex jirrappreżentaha, **it-terminu għall-preżentata ta' rikors li jkun fadal sabiex jiġi ppreżentat ir-rikors jista' jkun qasir ħafna**. Għaldaqstant, huwa rrakkomandat li l-persuna li tibbenefika mill-għajnuna legali, debitament irrappreżentata minn avukat, **tagħti attenzjoni partikolari lill-osservanza tat-terminu legali** (punt 265 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni).

8) **Preċiżazzjoni addizzjonali**

L-oriġinali tad-dokumenti ta' sostenn ippreżentati ma humiex ser jingħataw lura. Għaldaqstant, huwa rrakkomandat li jiġu pprovduti kopji tad-dokumenti ta' sostenn.

Jekk il-persuna li tkun ressqet it-talba ttenni t-talba tagħha mingħajr ma t-talba l-ġdida tkun ibbażata fuq elementi ġodda, it-talba ma għandhiex tiġi rreġistrata u l-persuna li tkun ressqet it-talba għandu tiġi informata b'dan (punt 263 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni).

TALBA GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

PERSUNA LI QIEGĦDA TITLOB L-GĦAJNUNA LEGALI

PERSUNA FIŻIKA

Is-Sinjura Is-Sur

Il-kunjom tiegħek: .....

L-isem/ismijiet tiegħek: .....

L-indirizz tiegħek: .....

Kodiċi postali: ..... Belt: .....

Pajjiż: .....

Numru tat-telefon (fakultattiv): .....

Posta elettronika (fakultattiva): .....

Il-professjoni jew is-sitwazzjoni attwali tiegħek: .....

PERSUNA ĠURIDIKA ([2])

Isem kummerċjali: .....

Forma ġuridika: .....

Entità bi skop ta' lukru: □ Iva □ Le

Indirizz: .....

Kodiċi postali: ..... Belt: .....

Pajjiż: .....

Numru tat-telefon (fakultattiv): .....

Posta elettronika (fakultattiva): .....

([2]) Jekk jogħġbok inkludi, ma' din it-talba, prova reċenti tal-eżistenza ġuridika tal-persuna ġuridika (estratt mir-reġistru tal-kummerċ, estratt mir-reġistru tal-kumpanniji jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor).

PARTI LI KONTRIHA GĦANDEK L-INTENZJONI TIPPREŻENTA RIKORS ([3])

Qiegħda terġa' tinġibidlek l-attenzjoni għall-fatt li l-Qorti Ġenerali hija kompetenti tieħu konjizzjoni ta' rikorsi bejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi u istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali ma tistax tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjonijiet meħuda minn:

— entitajiet internazzjonali li ma jagħmlux parti mis-sistema istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru,

— qrati nazzjonali.

Speċifika l-parti jew il-partijiet li kontriha jew kontrihom ser jiġi ppreżentat ir-rikors maħsub:

KONVENUT/A/I	INDIRIZZ
.....	
.....	

Fil-każ li ma jkollokx iktar spazju tista' tikkompleta din il-lista fuq karta bajda li għandek tehmeż mat-talba tiegħek.

([3]) Fil-każ li r-rikors u t-talba għal għajnuna legali jiġu ppreżentati fl-istess ħin jew fil-każ li t-talba għal għajnuna legali titressaq wara l-preżentata tar-rikors, ma huwiex meħtieġ li timtela l-parti tal-formola intitolata "Parti li kontriha għandek l-intenzjoni tippreżenta rikors".

SUĠĠETT TAR-RIKORS ([4])

Jekk it-talba għal għajnuna legali titressaq qabel il-preżentata tar-rikors, il-persuna li tressaqha għandha tinkludi espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tar-rikors li tkun qiegħda tikkunsidra li tippreżenta, tal-fatti inkwistjoni u tal-argumenti insostenn tar-rikors. Mat-talba għandhom jitressqu dokumenti ta' sostenn f'dan ir-rigward (Artikolu 147(4) tar-Regoli tal-Proċedura).

Jekk jogħġbok iddeskrivi s-suġġett tar-rikors li għandek l-intenzjoni tippreżenta, il-fatti inkwistjoni u l-argumenti insostenn tar-rikors (l-espożizzjoni tas-suġġett tista' tiġi kkompletata bl-użu ta' folji addizzjonali):

Kull dokument ta' sostenn rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-fondatezza tar-rikors maħsub għandu jiġi anness ma' din il-formola u inkluż fil-lista tad-dokumenti ta' sostenn.

L-oriġinali tad-dokumenti ta' sostenn ippreżentati ma humiex ser jingħataw lura. Huwa għalhekk irrakkomandat li jiġu prodotti kopji tad-dokumenti inkwistjoni.

([4]) Fil-każ li r-rikors u t-talba għal għajnuna legali jiġu ppreżentati fl-istess ħin jew fil-każ li t-talba għal għajnuna legali titressaq wara l-preżentata tar-rikors, ma huwiex meħtieġ li timtela l-parti tal-formola intitolata "Suġġett tar-rikors".

SITWAZZJONI EKONOMIKA TAL-PERSUNA LI TRESSAQ IT-TALBA

PERSUNA FIŻIKA

RIŻORSI

It-talba għal għajnuna legali għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn kollha li permezz tagħhom tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li qed tressaqha, bħal ma jista' jkun ċertifikat maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti li jattesta din is-sitwazzjoni ekonomika (Artikolu 147(3) tar-Regoli tal-Proċedura).

		Ir-riżorsi tiegħek	Ir-riżorsi tal-konjuġi tiegħek, tas-sieħeb/sieħba tiegħek jew tal-persuna li tikkoabita miegħek	Ir-riżorsi ta' persuna oħra li tgħix abitwalment fl-istess dar (minuri jew persuna dipendenti). Speċifika: ……
a.	**Ebda dħul**	(*)		
b.	**Pagi, salarji netti taxxabbli** (kif indikati fuq ir-rendikonti tar-remunerazzjoni tiegħek)			
c.	**Dħul mhux minn pagi** (dħul agrikolu, industrijali jew kummerċjali jew mhux kummerċjali)			
d.	**Allowances tal-familja**			
e.	**Allowances tal-qgħad**			
f.	**Allowances ta' kuljum** (mard, maternità, marda kkaġunata mix-xogħol, inċident fuq il-post tax-xogħol)			
g.	**Pensjonijiet, pensjonijiet tal-irtirar, pensjonijiet oħra u pensjonijiet tal-irtirar kmieni**			
h.	**Manteniment** (ammont li effettivament irċevejt)			
i.	**Riżorsi oħra** (p.eż.: kirjiet li tirċievi, dħul minn kapital, dħul minn titoli mobbli…)			

Jekk tintgħażel din il-possibbiltà, il-persuna li tressaq it-talba għandha tispjega kif tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha.
(*) Fil-każ li ma jkollokx iktar spazju tista' tikkompleta din il-lista fuq karta bajda li għandek tehmeż mat-talba tiegħek.

Jekk jogħġbok indika n-natura u l-valur tal-beni mobbli (azzjonijiet, obbligi, kapital…) u l-indirizz u l-valur tal-beni immobbli (dar, art…) anki jekk ma jikkontribwixxux għad-dħul tiegħek:

OBBLIGI FINANZJARJI

Jekk jogħġbok indika l-minuri u l-persuni dipendenti fuqek jew li jgħixu abitwalment miegħek:

Kunjom/Kunjomijiet u isem/ismijiet	Relazzjoni (p.eż.: tifel, neputi, omm)	Data tat-twelid (jj / xx / ssss)
……	……	..../..../ ……
……	……	..../..../ ……
……	……	..../..../ ……
……	……	..../..../ ……

Fil-każ li ma jkollokx iktar spazju tista' tikkompleta din il-lista fuq karta bajda li għandek tehmeż mat-talba tiegħek.

Jekk jogħġbok indika l-mantenimenti li inti tħallas lil terzi:

Jekk tixtieq, tista' tipprovdi informazzjoni komplementari dwar is-sitwazzjoni tiegħek, kemm dwar ir-riżorsi u kemm dwar l-obbligi finanzjarji tiegħek:

L-informazzjoni inkluża iktar 'il fuq għandha tkun issostanzjata permezz ta' dokumenti ta' sostenn li jippermettu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tiegħek (Artikolu 147(3) tar-Regoli tal-Proċedura).

Il-lista tad-dokumenti ta' sostenn, inkluż, jekk ikun il-każ, ċertifikat ta' awtorità nazzjonali kompetenti li jiġġustifika din is-sitwazzjoni ekonomika, għandha tiġi annessa ma' din il-formola.

L-oriġinali tad-dokumenti ta' sostenn ippreżentati ma humiex ser jingħataw lura. Huwa għalhekk irrakkomandat li jiġu prodotti kopji tad-dokumenti inkwistjoni.

PERSUNA ĠURIDIKA

Meta l-għajnuna legali tintalab għal persuna ġuridika, jekk jogħġbok inkludi, ma' din it-talba, prova reċenti tal-eżistenza ġuridika tagħha (estratt mir-reġistru tal-kummerċ, estratt mir-reġistru tal-kumpanniji jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor) (Artikolu 147(5) moqri flimkien mal-Artikolu 78(4) tar-Regoli tal-Proċedura).

Jekk jogħġbok iddeskrivi s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li qiegħda tressaq it-talba kif ukoll, jekk ikun il-każ, tas-soċji jew azzjonisti tagħha:

L-informazzjoni inkluża iktar 'il fuq għandha tkun issostanzjata permezz ta' dokumenti ta' sostenn li jippermettu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li qiegħda tressaq it-talba u, jekk ikun il-każ, tas-soċju/i u tal-azzjonisti tagħha (Artikolu 147(3) tar-Regoli tal-Proċedura).

Il-lista tad-dokumenti ta' sostenn, inkluż, jekk ikun il-każ, ċertifikat ta' awtorità nazzjonali kompetenti li jiġġustifika din is-sitwazzjoni ekonomika, għandha tiġi annessa ma' din it-talba.

L-oriġinali tad-dokumenti ta' sostenn ippreżentati ma humiex ser jingħataw lura. Huwa għalhekk irrakkomandat li jiġu prodotti kopji tad-dokumenti inkwistjoni.

PROPOSTA EVENTWALI TA' AVUKAT

Fil-każ li tkun għażilt avukat awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor parti fil-Ftehim ŻEE, hija meħtieġa l-informazzjoni segwenti:

Avukat: .....

Indirizz: .....

Kodiċi postali: ..... Belt: .....

Pajjiż: .....

Numru tat-telefon: .....

Posta elettronika (fakultattiva): .....

DIKJARAZZJONI FUQ L-UNUR

Jiena niddikjara, fuq l-unur tiegħi, li l-informazzjoni pprovduta f'din it-talba għal għajnuna legali hija eżatta:

Data: …./…./..... Firma tal-persuna li tressaq it-talba jew tal-avukat rappreżentant tal-persuna li qiegħda tressaq it-talba:

LISTA TAD-DOKUMENTI TA' SOSTENN

Dokumenti ta' sostenn li jippermettu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tiegħek:

— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....

Fil-każ li r-rikors għadu ma ġiex ippreżentat, dokument jew dokumenti ta' sostenn rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-fondatezza tar-rikors maħsub:

— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....
— .....